MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 501/2005

**Mary Ellul pro et noe**

**VS**

**C & F Building Contractors Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat in-nota tal-partijiet tal-20 ta' Jannar 2009 a fol 222 tal-process li biha l-partijiet iddikjaraw li huma waslu ghal soluzzjoni tal-vertenza fis-sens li s-socjeta konvenuta lesta li thallas is-somma ta' Euro 160,144.42 in via ta' danni lill-atturi.

Peress illi l-mejjet Carmel sive Charles Ellul miet intestat skond ma jirrizulta mid-dokumenti esibiti fl-atti tal-kawza ghalhekk ghandhom japplikaw ir-regoli ta' successjoni ab intestato.

Illi ghalhekk l-armla ta' Carmel sive Charles Ellul cjoe l-attrici Mary Ellul ghandha tircievi nofs din is-somma u n-nofs l-iehor ghandu jinqasam bejn l-erbat itfal li twieldu hekk cjoe:

Wayne fl-1 ta' Gunju 1980 li llum hu maggorenni,
Clinton fid-9 ta' Awwissu 1991
Donna fit-3 ta' Marzu 1996
Kyle fid-19 ta' Ottubru 1998
Ghalhekk l-ahhar tlett itfal ghadhom minorreni.

Ghaldaqstant il-Qorti tordna li nofs is-somma ta' Euro 160,144.42 tithallas lill attrici Mary Ellul; kwart tan-nofs l-iehor lill Wayne Ellul, u t-tlett kwarti l-ohra lill Clinton, Donna u Kyle, biex dawn jiehdu r-rimanenti kwart kull wiehed li fadal, b'dan pero' li sehemhom ghandhom jigi depozitat f'akkont f'bank a scelta ta' Mary Ellul, u li jkunu ntestasti fl-isem ta' Mary Ellul ghan-nom ta' tlett itfal minuri.

**< Provediment >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------